**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 49, 50, 214 u 633(2) tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 61/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**STEPHEN (STEPHEN BRIAN) CALLEJA**
**(I.D. 298376M)**

**Illum, 23 ta' Jannar 2018**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **STEPHEN (STEPHEN BRIAN) CALLEJA** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 298376M, tressaq quddiemha akkuzat talli nhar is-7 ta' Jannar 2016, ghall-habta tas-7.20hrs gewwa s-Siggiewi:

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' ibnu Malcolm Calleja, f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi, hekk kif iccertifika t-tabib James Borg M.D.;

Barra minn dan, l-imputat Stephen Calleja huwa akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe' estratt mill-att tat-twelid, fedina penali, certifikat mediku, stqarrija tal-imputat, okkorrenza.

Rat li din il-kawza giet quddiemha bid-digriet ta' assenzjazzjoni tal-Prim' Imhallef tas-26 ta' Ottubru, 2017.

Illi fl-10 ta' Mejju, 2016 xehed it-**Tabib Kevin Grech** li ddikjara li huwa jahdem fil-Primary Health Care Department, jigifieri fil-poliklinici tal-Gvern u li dakinhar tal-incident hu kien xoghol fil-poliklinika ta' Hal-Qormi. Mistoqsi jekk jaghrafx lill-imputat, qal li ma jafux, pero' kkonferma li jaghraf lill-kwerelant Malcolm Calleja ghaliex fil-fatt kien hu li ezaminah. Qal li mal-ezami kien sablu gerha go rasu fuq in-naha tal-lemin u kellu suspett li kien hemm ksur fil-kranju. Ghalhekk kien baghtu l-isptar biex isir CT Scan minhabba xi *brain injury* minn fejn irrizulta li kien hemm "*a depressed comminuted fracture*" u kellu xi '*bleeding'* taht. Fil-fatt kellu bzonn operazzjoni. Ix-xhud qal li hu kien staqsieh min ikkagunalu l-griehi, pero' dan ma tantx kien ikkopera mieghu u ma tkellimx. Zied pero' li omm il-kwerelant waqt li kienu fil-klinika ta' Hal-Qormi kienet qaltlu li kien ghamilhomlu missieru. Fil-fehma tieghu il-griehi kienu gravi minhabba li kien hemm 'fracture'.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2016 (fol. 17) fejn l-allegat vittma Malcolm Calleja iddikjara l jigi bin l-imputat u ghazel li ma jixhidx u in vista tal-parentela il-Qorti diversament presjeduta ezentatu milli jaghti x-xhieda tieghu.

Fl-14 ta' Gunju 2016 xehed **Dr. James Saviour Borg** li ddikjara li huwa tabib u jezercita l-professjoni tieghu fl-emergenza ta' l-isptar Mater Dei. Ix-xhud ikkonferma li d-dokument a fol. 9 tal-atti gie redatt minnu fl-1 ta' Jannar 2016 u li fuqu hemm il-firma tieghu. Id-dokument inhareg fil-konfront ta' Malcolm Calleja. Spjega li skond ic-certifikat huwa kien irriskontralu "*depressed comminuted fracture of the right frontal bone, three to four millimeters (3-4mm), epidural haematoma along the fracture and laceration over right frontal aspect overlying fracture*" u li n-natura ta' tali griehi huma ta' periklu ta' mewt. Zied li lill-pazjent kien rah darba biss gewwa l-emergenza ta' l-isptar Mater Dei. Qal li tali griehi huma kompatibbli ma' daqqa fir-ras izda semplicement billi thares lejhom huwa difficli tghid minn xiex ikunu saru.

Mitlub mill-Prosekuzzjoni sabiex jispjega bil-Malti fiex kienu jikkonsistu l-griehi, x-xhud spjega li li bazikament kien hemm qasma fir-ras fuq in-naha tal-lemin. Minn taht kien hemm ksur li kien miftuh fl-iskutella tar-ras. Kien hemm tbengila fuq in-naha ta' gewwa tal-mohh u kien hemm bzonn operazzjoni urgenti. Fil-hin li ra lill-pazjent, dan kien konxju u tah zewg verzjonijiet tal-fatti kif graw. L-ewwel wahda kienet li qala' daqqa' ta' hgiega minghand missieru, imbaghad qal li waqa' u habat rasu.

Fl-14 ta' Gunju 2016 dehret **Diane Calleja** li ddikjarat li hija tigi mart l-imputat u ghalhekk ghazlet li ma tixhidx, ghalkemm ziedet tghid ukoll li ma sofriet l-ebda griehi. Din l-ezenzjoni inghatat minn din il-Qorti diversament preseduta.

Fid-9 ta' Novembru, 2016 xehed **PC953 Gennaro Vassallo**. Dan qal li fis-7 ta' Jannar, 2016 kien qieghed stazzjonat fl-emergenza ta' l-isptar Mater Dei, meta

mar tabib jinfurmah li kien dahal pazzjent li allegatament kien issawwat minn missieru. Ghaldaqstant huwa nforma l-ghassa tad-distrett biex imorru fuq il-post. Il-pazjent kien Malcolm Calleja. Lill-pazjent hu ma kellmux.

Fid-9 ta' Novembru, 2016 xehed ukoll **PS586 Mario Azzopardi**. Dan qal li hu kien ha ghaxar (10) ritratti tal-kamra tas-sodda tad-dar ta' Malcolm Calleja. Mistoqsi x'ra fil-kamra qal li kien hemm ticpis ahmar mal-hajt u ma' television tal-ghamla Samsung ta' lewn iswed. Pero' hu ha r-ritratti biss u ma elevax kampjuni mit-ticpis.

Ix-xhud esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. MA kontenenti ghaxar ritratti mmarkati bhala Dok. 16 ABL 101 sa Dok. 16 ABL 110.

Rat dak li gie verbalizzat nhar id-9 ta' Novembru 2016 seduta stante li id-difiza kienet qed tezenta lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq lil PS 1482 Bjorn Schembri sabiex jikkonferma l-okkorrenza esebita fl-atti u maghmula minnu. Rat ukoll li d-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq lil PC 1474 Parnis bhala xhud dwar il-volontarjeta' tal-istqarrija.

Rat dak verbalizzat mill-prosekuzzjoni li PC 702 Adrian Briffa kien biss xufier dakinhar tar-rapport u ma hax sehem fl-investigazzzjoni.

Rat is-senenza esebita mill-prosekuzzjoni fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Stephen Calleja'** li giet deciza nhar is-26 ta' Marzu, 2014 minn din il-Qorti diversament preseduta fejn l-imputat odjern kien instab hati fuq offizi naxxenti mill-Ordinanza tal-Kacca u gie mmultat is-somma ta' mitejn u erbghin ewro (€240).

Rat li fid-9 ta' Novembru 2016, il-Qorti hatret lil Dr. Mario Scerri sabiex jezamina lil Malcolm Calleja u jixhed dwar jekk il-griehi sofferti mill-istess Calleja kkagunawlux debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi

parti mill-gisem, jew jekk gabux difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew jekk gabux sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz (fol.49).

Fl-14 ta' Dicembru, 2016 xehed **it-Tabib Mario Scerri** li kkonferma li wara l-inkarigu moghti lilu mill-Qorti, huwa ezamina lil Malcolm Calleja fit-12 ta' Dicembru 2016 fuq allegazzjoni li fis-7 ta' Jannar , 2016 kien sehh incident fir-residenza tal-genituri ta' Malcolm Calleja, fejn dan Calleja allega li kien tfixkel f'sieq missieru u spicca habat rasu mat-television. Dr. Scerri ddikjara li huwa ra s-CT Scan li ttiehed gewwa l-isptar Mater Dei u kkonferma li Malcolm Calleja kellu *haematoma* u *comminuted depressed fracture* fil-*frontal bone* tal-lemin. Konsegwentement kellu jigi operat sabiex tigi decompressed bir-rizultat li l-lacerazzjoni giet estiza minhabba l-operazzjoni. Spjega li meta jghid li giet *decompressed* ifisser li l-frattura giet mghollija. Calleja kien inzamm l-isptar Mater Dei ghal hamest ijiem (5) u spicca b'cikatrici fuq in-naha tal-lemin tar-ras li tidher sew *from within talking distance* ghalkemm qeghda taht il-livell tax-xaghar.

Dr. Mario Scerri esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata Dok. MS. Fil-konkluzjonijiet tieghu l-espert qal li:

*"din il-frattura hija kklassifikata bhala lezjoni ta' natura gravi per durata kompatibbli ma' blunt trauma vjolenti.*

*Illi din ma hallietx sequelae fuq il-persuna tal-istess Malcolm Calleja u l-ebda difett permanenti fil-funzjoni tal-gisem."*

Illi fit-18 ta' Jannar 2017, xehdet l-**Ispettur Kyle Borg** li qalet li fis-7 ta' Jannar 2016 kienet giet infurmata minn PS1482 Bjorn Schembri mill-ghassa ta' Haz-Zebbug, li kien ghadu kif dahal rapport mill-isptar Mater Dei li kien iddahhal persuna mis-Siggiewi, certu Malcolm Calleja, bi griehi f'rasu wara

argument li kellu ma' missieru. Hija kellmet lit-tabib ta' Mater Dei, li fil-fatt ikkonfermalha li l-griehi li kellu Calleja kienu tassew serji hafna, tant li kienu certifikati bhala *life threatening*.

Ziedet tghid li t-tobba Dr. Kevin Grech u Dr. James Grech kienu qalulha li Malcolm Calleja kien tahom zewg (2) verzjonijiet. Wahda kienet li missieru kien mar iqajmu ghax-xoghol u meta ma qamx tah daqqa mal-hgiega tal-istand tat-television. Pero' mbaghad meta kien gie mitkellem mill-pulizija biddel il-verzjoni u qal li qam bis-sahha mis-sodda u habat rasu mal-mejda tat-television.

L-Ispettur qalet li sussegwentement baghtet ghal missieru, cioe' l-imputat Stephen Calleja fis-7 ta' Jannar 2016 fit-tlieta ta' wara nofsinhar, fejn wara li nghata s-solita twissija u d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-ghazla tieghu, Calleja irrilaxxja stqarrija bil-miktub. Fil-fatt l-imputat kien ikkonsulta mal-Avukat Dr. Edward Gatt qabel irrilaxxja l-istqarrija. L-istqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 10 sa 12 u fuqha l-Ispettur gharfet il-firem taghha, ta' PC1474 Paul Parnis u tal-imputat li gharfitu gewwa l-Awla.

Spjegat li wara li Calleja kien ikkonsulta mal-avukat tieghu, Calleja kien ikkonfermalha li kien inqala' incident fid-dar tieghu dakinhar stess fejn ghall-habta tas-sebgha u kwart ta' filghodu kien mar iqajjem lil ibnu Malcolm, izda dan ma riedx iqum. Mar hdejh, gibdu minn idu u Malcolm qam u telaq jigri. L-imputat qal li hu hareg saqajh u Malcolm tfixkel fiha. Meta l-Ispettur staqsietu ghalfejn kien hariglu saqajh l-imputat wegibha "*Dak il-hin fixkilni. Jien m'ghamilthiex bl-intenzjoni li nweggghu*". Spjegalha li ibnu kien waqa', habat jew got-televizjoni jew mal-irhama ta' taht it-televizjoni u telaq mill-kamra. Mistoqsi mill-Ispettur jekk indenjax jiccekkja x'kien gralu, l-imputat qalilha li ma kienx ra demm, u Malcolm kien qam bil-wieqfa. Hu allura telaq ghax-xoghol u ma kienx jaf li kien wegga' sew sakemm martu nfurmatu li kellu jigi operat. Allura hi harget l-akkuza.

Rat id-digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 26 ta' Ottubru 2017 li permezz tieghu din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi fis-seduta mizmuma minn din il-Qorti kif presjeduta fl-14 ta' Novembru, 2017, gew moqrija l-Artikoli li ntbaghtu mill-Avukat Generali fl-20 ta' Dicembru, 2016 (fol. 89) u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti kif preseduta u ddikjara li kienx hemm lok li x-xhieda li nstemghu jergghu jiddeponu.

Rat illi l-imputat **Stephen Calleja** ma xehedx f'dawn il-proceduri pero' kien irrilaxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni. Stqarr li huwa ragel mizzewweg u ghandu zewgt itfal. Ikkonferma li jahdem fil-construction. Qal li ibnu l-kbir Malcolm ghandu 20 sena. Mistqosi ikollux argumenti ma' ibnu Malcolm jghid li jkollu fs-sens ta' argumenti generali kif ikollu kulhadd. Irrakkonta kif nhar is-7 ta' Jannar 2016 ibnu kien rieqed u ghajjatlu biex iqum, pero' dan ma riedx iqum. Ghalhekk mar hdejh u pprova jqajmu. Dan qam mis-sodda jigri, u telaq jigri huwa hariglu saqajh u dan tfixkel f'saqajh. Qal li ghamel hekk ghaliex ibnu kien fixklu pero' mhux b'intenzjoni biex iweggghu.

It-tifel Malcolm waqa' habat rasu got-TV jew mal-irhama li hemm taht it-TV. Qal li ma tax kaz fejn ezattament u ma xhiex kien habat. Dak il-hin hareg mill-kamra ta' ibnu u telaq ghax-xoghol. Qal li dak il-hin ibnu qam bil-wieqfa u ghalhekk ma tax kaz jekk kienx wegga jew le molto piu' ghaliex id-dar kien hemm martu. Jghid li dak il-hin ma kienx jaf li ibnu kien wegga sew pero' martu qaltlu aktar tard li kienu ser joperawh. Ikkonferma li ma kienx akkompanja lil ibnu l-poliklinika izda dan mar ma' martu.

Qal li meta martu infurmatu li kienu ser joperaw lit-tifel telaq minn fuq ix-xoghol u mar id-dar malli seta'.

Semghet lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex iktar provi xi tressaq u talbet zmien biex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet. Il-Qorti akkordat zmien sal-ahhar ta' Novembru ghal prezentata tal-istess, bil-fakolta' lill-kontroparti li tipprezenta n-nota responsiva taghha sal-15 ta' Dicembru, 2017.

Il-partijiet awtorizzaw lill-Qorti biex tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza il-Qorti hija sprovvista minn xi xhud okulari tal-allegat incident. L-allegat vittma Malcolm iddikjara li jigi bin l-imputat waqt li Diane Calleja li allegatament kienet prezenti waqt l-incident ghazlet li ma tixhidx wara li ddikjarat li tigi mart l-imputat u ghalhekk talbet li tigi ezentata u l-Qorti laqghet it-talba taghha. Ix-xhieda l-ohra li xehdu, apparti it-tobba li xehdu dwar il-ferita li ssubixxa Malcolm, huma kollha xhieda li xehdu fuq dak li gie rapportat lilhom.

L-artikolu 633.(1) jiddisponi s-segwenti:-

" Ebda eċċezzjoni kontra l-kompetenza ta' xhud ma tista' tingħata minħabba li hu jkun il-parti li għamlet id-denunzja,jew il-kwerela, jew ir-rapport jew ir-rikors li fuqhom ikunu nbdew il-proċeduri, inkella minħabba li x-xhud ikun jiġi mid-demm jew imħallat bi żwieġ, jew minħabba li jkollu kuntratt, impieg, jewinteress ieħor mal-parti hawn fuq imsemmija, jew mal-imputat jew akkużat; imma f'kull każ bħal dan, ix-xhud jiġi mismugħ, u mingħandu jiġġudika l-fatti, meta jkun għal kollox persważ u konvint lix-xiehda hija vera, għandu jipproċedi fuq dik ix-xiehda bl-istess mod sħiħ u ferm, daqs li kieku dawk il-fatti ġew ippruvati minn persuna barranija jew minn wieħed li m'għandu xejn x'jaqsam kif jingħad hawn fuq;

(2) Madankollu, jitħalla fid-diskrezzjoni tal-qorti, li tieħu qies tal-grad ta' qrubija tax-xhud mid-demm, tal-mod li bih huwa juri li kieku ma jixtieqx jixhed kontra s-sieħeb tiegħu jew tagħha f'unjoni ċivili jew kontra l-koabitant tiegħu

jew tagħha, kontra axxendent jew dixxendent, jew kontra ħuh, oħtu, iz-ziju, in-neputi, u ta' ċirkostanzi partikulari oħra tal-każ, biex ma ġġegħelx jixhed ix-xhud illi juri li jixtieq li ma jixhedx kontra persuna li tiġi minnu f'xi wieħed jew ieħor mill-gradi hawn fuq imsemmija."

Hu a bazi ta' dan is-sub artkolu (2) li l-allegat vittma Malcolm Calleja u mart l-imputat Diane Calleja gew ezentati milli jaghtu x-xhieda taghhom pero' jigi rilevat li din l-ezenzjoni ma nghatatx minn din il-Qorti kif preseduta u din il-Qorti tirrileva li hija kienet tkun reluttanti li taghti tali ezenzjoni stante dak li jiddisponi l-Artikolu 543 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 543 jgħid hekk:
Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:
'(e) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "*vjolenza domestika*" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika:

"Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l -awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-minuri involuti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati flinkartamenti tal-każ".

Fl-aħħarnett il-frażi 'vjolenza domestika'
'*tfisser kull att ta' vjolenza, anki jekk verbali biss, li jsir minn membru domestiku wieħed fuq membru domestiku ieħor u tinkludi kull omissjoni li tikkaġuna ħsara fiżika jew morali fuq ħaddieħor.*'

Illi skond ir-rapport tal-pulizija, mehud minn PS1482 Bjorn Schembri jirrizulta li in effetti Malcolm Calleja kien ta zewg versjonijiet ta’ dak li kien gara u cioe’ verzjoni wahda li ta lit-tobba li ezaminawh u cioe’ lil Dr. James Grech u lil Dr. Kevin Grech kienet fis-sens li missieru l-imputat kien mar iqajmu kmieni filghodu u meta dan ma riedx iqum missieru tah daqqa ta’ hgiega (l-istand tat-television) pero’ meta gie mitkellem mill-pulizija dan Malcolm Calleja ta’ versjoni differenti u qal li qam bis-sahha mis-sodda u habat rasu mat-televixin. Dak il-hin meta mistoqsi kif dahal missieru fl-istorja, Malcolm qallhom li ma kellux x’jaqsam.

Ghalhekk fid-dawl ta’ dawn ic-cirkostanzi jekk l-ewwel versjoni kienet veritiera dan kien ikun kaz klassiku ta’ vjolenza domestika pero’ fin-nuqqas ta’ xhieda ta’ dak li effettivament verament gara l-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati tal-akkuza odjerna.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe l-artikoli 49, 50, 214 u 633(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat STEPHEN (STEPHEN BRIAN) CALLEJA hati tal-akkuza u tilliberah minnha.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**